# META L-MARA TIBQA' TMIERI

## KUMMIEDJA B'ATT WIEĦED

Ta' A. CREMONA

*(Ix-Xena tissokta mill-aħħar Nru. ta' "Il-Malti", (Sett.-Diċ. 1963), paġna 104*

Sofie: *(Tiftaħ l-ittra u taqra).* "Għażiża Sofie. Il-lum ma taranix bħas-soltu, għax għadu kif wasal il-papà minn Katanja. Jien għarraftu b'kollox; għidtlu min int. Milli jidher hu u l-papà tiegħek għandhom xi biċċa affari flimkien, u, fuq hekk qalli li kellu jiġi għandu. X'inhi din l-affari ta' bejniethom ma nafx. 'Ejja miegħi', qalli, 'u jekk nara li huma nies sewwa u li t-tifla tgħodd għalik, u li l-papà u l-mamà tagħha għandhom pjaċir bik, jien m'iniex sejjer immur kontra x-xewqa tiegħek'. Għalhekk, Sofie, rabbi l-kuraġġ, nittama li l-lum jew għada tarani mal-papà d-dar tagħkom. Jalla l-papà u l-mamà tiegħek ma jgħidux le. Aldo". Bilkemm nista' nemmen. Kemm ħabat tajjeb li ġej il-papà tiegħu u huwa miegħu. X'affari hi li għandu mal-papà? U kif il-papà ma semma qatt xejn?... Imma l-papà ma jafx min hu Aldo. Aldo qatt ma semmieli li l-papà tiegħu jaf lill-papà tiegħi. Ma nista' nifhem xejn. Xi tgħidli, Tess. Għalfejn ġej hawnhekk il-papà ta' Aldo?

**Tessie:** Jien naħseb, u ma jfallilix, li l-papà ta' Aldo huwa sid id-dar ta' Ħal Balzan li jrid jixtri l-papà tiegħek.

**Sofie:** Jekk inhu hekk, Tess, stennieni illi l-mamà mhix sejra turi wiċċ ħelu... la lill-papà ta' Aldo u lanqas lil Aldo stess. Il-mamà għandha f'moħħha li ġġagħal lill-papà jixtri dik id-dar li webblilha f'rasha ċertu s-Sur Saver, u li tgħarrasni lil ibnu, imma jiena m'iniex sejra noqgħod għax-xewqat tagħha... u naħseb li l-papà mhux sa joqogħdilha għal dak li trid hi *(f'widnejn Tessie)* jien smajtu b'widnejja stess jitlewwem magħha fuq hekk, għax kif għidtlek kemm-il darba issemmajt kliemhom minn wara l-bieb tal-kamra tas-sodda fil-għaxija.

**Tessie:** Qed nisma' leħen il-papà. Tiela' t-taraġ, naħseb ma' dak is-sinjur u ma' dak iż-żagħżugħ li ftit ilu ġew ikellmuh... *(Tissemma' u toħroġ tħares mill-bieb).* Magħhom tiela' l-mamà.

**Sofie:** Ma xtaqtx niltaqa' magħhom. Tess, imxi ngħaddu minn dan il-bieb tal-kamra tar-rqad, ninżlu mill-garigor, u niskartawhom. Int oqgħod isfel, fl-intrata, u, malli joħorġu, ejja għidli; issibni fil-ġnien. *(Sofie u Tessie joħorġu mill-bieb tal-ġenb. Wara jidħlu Karolina, Ġan. Feliċ, is-Sur Saver u ibnu Ġoġo).*

**Karolina:** *(Tidħol imgħaġġla ssejjaħ).* Sofie... Sofie... Fejn marret tinħeba?... Dik żgur ħarġet...

**Ġan Feliċ:** *(Lil Saver).* Biex ingħidlek, għalissa għadni ma għamilt ebda ħsieb li nixtri d-dar.

**Saver:** La titlifhiex, Sur Ġan Feliċ. Dar ġdida, ma' xatt il-baħar, tagħti għal fuq il-blat tal-Mistra, f'post pittoresk, fejn hemm djar oħra kollha ġodda, il-ġmiel tagħhom... la traffiku... la nies... kulħadd għalih... qrib id-dar tiegħi. La titlifhiex, Sur Ġan Feliċ... Isma' minni.

**Karolina:** Dik żgur ħarġet. Għidtilha toqgħod. Tagħmel ta' rasha!

**Saver:** Is-sinjura tidher daqsxejn waħda mhix flokha... Fuq it-tifla, hux tassew?

**Ġan Feliċ:** *(Lil Karolina).* Naħseb li qiegħda isfel.

**Saver:** Xi dnub tassew... kienet tkun okkażjoni tajba... Hux tassew Ġoġo?

**Karolina:** Għidtilha biex ma titħarrikx... imma dik dejjem ta' rasha tagħmel...

**Saver:** Aħna forsi jkollna għalfejn nerġgħu niġu, u ma ndumux. L-ewwelnett xtaqt li jiena u s-Sur Ġan Feliċ nerġgħu nitkellmu fuq id-dar...

**Karolina:** Żgur li terġgħu tiġu.

**Ġan Feliċ:** *(Lis-Sur Saver, f'widnejh, wara li s-Sur Saver ikun qallu xi ħaġa f'widnejh ukoll).* Tajjeb, iżda ma ngħaġġlux. Taf int, Sur Saver, dawn m'humiex ħwejjeġ ta' min igħaġġilhom. Dan mhux partit ta' xi għalqa jew dar.

**Saver:** Oh! fhimtek, fhimtek... Ġoġo l-lum għandu ċertu żmien... ċertu għaqal... imrawwem fin-negozju; tista' tgħid il-maħżen f'idejh... *(Lil Ġoġo).* Isma' 'l hawn... Inti tafu lis-Sur Ġan Feliċ, hux tassew?

**Ġoġo:** Jidhirli li nafu, pa... Rajtu xi darbtejn ikellmek San Pawl il-Baħar.

**Saver:** *(Dejjem lil Ġoġo).* U lis-sinjura tiegħu wkoll, hu tassew?

**Ġoġo:** Oh! lis-Sinjura Karolin; dis-sinjura, iva, nafha tajjeb; kemm-il darba rajtha l-maħżen tagħna...

**Karolina:** Iva, biex inkellmu fuq id-dar... jew fuq xi frott ta' barra...

**Saver:** Sewwa... sew, fuq id-dar... dik id-dar... Nittamaw, hux tassew, Sur Ġan Feliċ, li fl-aħħar tagħmel il-ħsieb li teħodha bil-prezz li talbuk... dar ġdida... pożizzjoni mill-aħjar... tagħti għal fuq il-baħar... dar bħal dik; imbagħad b'dak il-prezz, il-lum, mhux ta' min jitlifha.

**Karolina:** Żgur ukoll, żgur ukoll... Jien għidtlu, Sur Saver.

**Saver:** Mela...

**Ġan Feliċ:** Nerġa' narak.

**Saver:** Titlifhiex, isma' minni.

**Karolina:** U żgur li m'għandux jitlifha.

**Saver:** *(Lil Ġoġo).* Ġoġo, sellem lis-sinjuri u għidilhom li terġa' tarahom ma ddumx. Għidilhom ukoll isellu għas-Sinjurina... X'jisimha għax insejt?...

**Karolina:** Sofie...

**Saver:** Sofie, Ġoġo... ftakar. Isem sabiħ. Kellu zitu, oħt ommu... xi ġmiel ta' wiċċ. Ukoll kien jisimha Sofie... Jaħasra mietet ħesrem, tixbah lil oħtha, marti. Marti mietet ukoll żgħira. Ġoġo bilkemm jafha. Ġoġo lilha jixbah.

**Karolina:** Mela ġenjali tassew...

**Dovina:** *(Tidħol, bi xtieli u basket f'idejha).* Kelli nerġa' niġi. Għaddejt għand is-Sinjura Fonza ta' ħdejkom għal dawk ix-xtieli li wegħeditni. Għidt ħalli ngħaddi għandkom qabel ma nitlaq... *(Mgħaġġla mgħaġġla tpoġġi x-xtieli u l-basket fuq tavolin, iddawwar wiċċha u tinqata' malli tinduna bil-barranin).* Ih! skużawni; ma ndunajtx bis-sinjuri.

**Ġan Feliċ:** *(Lil Saver).* Din is-sinjura oħti. *(Lil Dovina).* Is-Sur Saver, neguzjant, u ibnu s-Sur Ġoġo, hux tassew?

**Saver:** Iva, Ġovanninu. Għandi pjaċir, sinjura.

**Ġan Feliċ:** Ġew jagħmlulna żjara.

**Dovina:** Ħbieb tagħkom...

**Karolina:** Ħbieb tal-qalb ukoll. Is-Sur Saver sabilna dar San Pawl il-Baħar... Dar sabiħa, fuq il-blat ta' ħdejn il-Mistra. Ħajjarna nixtruha.

**Dovina:** Rajtuha?

**Karolina:** Rajtha... irrid ngħid rajnieha mill-bogħod aħna u sejrin l-Għadira ġranet ilu.

**Dovina:** Togħġobkom?... Għidli, għadkom ma dħaltux fiha?...

**Karolina:** Nittamaw li togħġobna... Għax sabiħa... imbagħad il-pożizzjoni tagħha... hux tassew, Ġan Feliċ?...

**Saver:** Għandha togħġobhom, sinjura, għandha togħġobhom... Għandi pjaċir bil-konoxxenza, sinjura. *(Jieħu b'idejn is-Sinjura Dovina).*

**Dovina:** Tant ieħor.

**Saver:** Nispera li nerġgħu niltaqgħu.

**Dovina:** Nispera.

**Karolina:** *(Lil Dovina).* Se nwasslu lis-sinjuri. Jiena nerġa' narak.

**Dovina:** Iva, iżda ddumx, għax ftit u xejn imgħaġġla, Karolin. Ħallejt lis-seftura waħedha, u sar ħafna ħin... Mur ara x'tistennieni...

**Karolina:** Dalwaqt ġejjin.

**Tessie:** *(Tidħol imgħaġġla).* Ħabat tajjeb li ġejt, Sinjura Dovin. Għandu jiġi Aldo mal-papà tiegħu.

**Dovina:** U Sofie, fejn hi?

**Tessie:** Sofie fil-ġnien. Ma xtaqitx tiltaqa' ma' dawk li ġew jaraw

lis-Sur Ġan Feliċ. Se mmur ngħidilha tiġi. *(Tkun se titlaq).*

**Sofie:** *(Minn ġewwa tinstama' tgħajjat lil Tessie).* Tessie! Tessie!

**Tessie:** Ih! ġejja! *(Toħroġ).* Hawn sinjurina. *(Tidħol ma' Sofie).* Hawn iz-zija Dovina.

**Sofie:** Iddejjaqt nistenniek.

**Tessie:** Issa għadhom ħerġin.

**Sofie:** Hsibtu, għax smajt il-qanpiena ta' l-antiporti... Rajthom ħerġin mir-rixtellu tal-ġnien. X'wiċċ ta' mdejjaq dak it-tifel tas-Sur Saver. Rasu dejjem baxxa. Kemm ma jiġbidnix.

**Tessie:** Sejra, għax dalwaqt tara l-papà u l-mamà hawnhekk. *(Titlaq).*

**Sofie:** Zi, issa oqgħod. Tara 'l Aldo... xi ħlewwa ta' ġuvni.

**Dovina:** U x'ġej jagħmel hawn dan Aldo tiegħek?

**Sofie:** Ġej mal-papà tiegħu. Kitibli li għandhom jiġu l-lum. Il-papà tiegħu għandu xi biċċa affari... ma nafx sewwa... Jien l-iktar li jimpurtani li ġej Aldo mal-papà tiegħu u kif qalli, zi... *(b'leħen baxx f'widnejn Dovina)* il-papà ħa pjaċir li ibnu qiegħed ikellimni, u fuq hekk biħsiebu wkoll ikellem lill-papà.

**Dovina:** Imma dik is-serduk ta' ommok xi tgħid? Dik ruħi tħoll u torbot.

**Sofie:** Ma tħoll u torbot xejn, għax fl-aħħar minn ta' l-aħħar jien għandi nagħżel il-ġuvni li jogħġob lili u mhux li jogħġob lill-mamà... Daż-żgur għidilha lill-mamà... il-mamà għandha f'rasha li tlaqqagħni mat-tifel tas-Sur Saver... Imma jfallilha...

**Dovina:** *(Tissamma).* Oqgħod... qed nisma' l-leħen tal-mamà.

**Sofie:** *(Tissamma).* Iva, tielgħa t-taraġ... ġejja man-nutar. Zi, jien dieħla f'din il-kamra sakemm jiġi l-papà. Naħseb li Aldo ma jdumx ma jasal mal-papà tiegħu. Int ibqa' hawn, zi. Jekk il-mamà tara lilek tiġiha bi tqila tagħwi lin-nutar biex iġagħal lill-papà jixtri d-dar ta' San Pawl il-Baħar. Jiena dieħla għax waslu. *(Toħroġ).*

**Karolina:** *(Tidħol man-Nutar Ġervażju. Lin-nutar).* Naħseb li ma jdumx ma jitla', Sur Ġervażju. Ġewh xi nies u qiegħed ikellimhom fl-istudju. *(Wara li tinduna b'Dovina, lil Ġervażju).* Din is-Sinjura Dovina, oħt ir-raġel tiegħi.

**Ġervażju:** Għandi pjaċir, sinjura. Is-sinjura toqgħod il-Belt?

**Dovina:** Le, Manjifk; Ħal-Lija.

**Ġervażju:** Ħal-Lija?... Jogħġobni dak ir-raħal... arjuż u kwiet... hekk inħobb jien... u s-sur ħuk jidher li hu mħajjar jiġi joqgħod lejn dawk l-inħawi jekk ma jibdilux.

**Dovina:** Hekk kien il-ħsieb tiegħu.

**Ġervażju:** Imma milli jidher... Ma nafx eh!... Milli jidher ħabat se jerġa' jibdielu...

**Karolina:** Jibdielu?... U dan minn meta?...

**Ġervażju:** L-aħħar li kellimni talabni biex għalissa ma nkomplix nagħmel il-kitba tax-xiri ta' proprjetà li kien biħsiebu jixtri... jiġifieri tal-Villa tal-Baruni Ciantar f'Ħal Balzan, u l-lum għandu jgħidli sewwa x'inhi l-fehma tiegħu. Tħajjarx forsi għal dik id-dar ta' San Pawl il-Baħar? *(Lil Karolina)*. Inti taf xi ħaġa fuq din id-dar?

**Karolina:** Naf... naf... u biex ingħidlek kelli x'ingħid miegħu għaliex hu webbes rasu li ma jridx jixtriha... Imma x'taħ li biddel il-fehma tiegħu?

**Ġervażju:** Naħseb li ladarba ra x-xewqa tiegħek, u li din ix-xewqa tiegħek hija tant u tant kbira, naħseb li ma jridx iweġġagħlek qalbek, u, ngħiduha kif inhi, imur jagħmel ħaġa li biha tibqgħu miksurin u tkun ta' ħsara għall-paċi tagħkom it-tnejn u tal-familja?

**Dovina:** Naħseb li għalhekk; imma mbagħad hemm ħaġ'oħra.

**Karolina:** X'inhi, x'inhi dil-ħaġ'oħra?...

**Dovina:** Ħaġa żgħira, imma wkoll ta' ċertu interess... interess persunali... sentimentali... sejjaħlu li trid. Ix-xewqat tat-tfal, meta dawn ikunu flokhom, ma tridx tiċħadhom. Aħna l-kbar inħarsu wisq lejn l-interessi tagħna u ma nqisux dawk tat-tfal, interessi li xi daqqiet imisshom ikunu wkoll tagħna. Imma t-tfal fix-xewqat tagħhom xi mindaqqiet igħallmuna. Fid-dinja ma tridx tkun egoista. Sofie xtaqet li intom tixtru l-villa tal-Baruni f'Ħal Balzan, mhux għax xtaq hekk li jixtriha l-papà tagħha daqskemm biex intom ilkoll tkunu tistgħu tilħqu lili u jiena lilkom. F'kelma waħda nkunu qrib xulxin.

**Karolina:** Din kieku biss mhix ħaġa li għandha toqros lit-tifla... ittifla tiġi fejn neħduha aħna, u jekk tkun tixtieq tiġi għandek, il-lum hemm mezzi biex tasal għandek fi żmien ta' minuti. Il-lum m'hemmx għalfejn wieħed igħix qrib xulxin. Id-dar ta' San Pawl il-Baħar xtaqnieha bħala villeġġatura għas-sajf. Aħna m'aħniex imxebbgħin minn din id-dar... u hawn nibqgħu. Imma s-sur raġel tiegħi, milli jidher, ried imur igħix għal kollox ġo qiegħ Ħal Balzan, għax xi ħadd, milli jidher, ħajru għal xi interess tiegħu persunali... sentimentali... sejjaħlu li trid. Imur jindifen hemmhekk biex ikun qribu. Fhimtha, fhimtha, x'kienet sewwa x-xewqa tas-Sur ħuk, Sinjura Dovin... u, milli jidher tiegħek ukoll... Imma issa rrid nara x'inhi li fettillu jbiddel il-fehma tiegħu s-sur żewġi... hekk f'daqqa waħda...

**Dovina:** Forsi biex ma jaqsamlekx qalbek, Sinjura Karolin.
**Karolina:** Lili ma jaqsamli qalbi xejn, għax la mmorru banda u lanqas oħra. Nibqgħu hawn il-belt u ma tgħaddi ta' ħadd.
**Ġamri:** *(Jidħol bi xtieli tas-siġar f'idu)*. Sinjura, jiena wasalt.
**Karolina:** Dawk x'inhuma li għandek f'idek?
**Ġamri:** Dawk xtieli tas-siġar biex inħawwilhom. Ġibthom mill-Ġonna ta' Sant'Anton.
**Karolina:** Fejn se tħawwilhom?
**Ġamri:** Is-sinjur kien qalli biex inħawwilhom fil-ġnien hawnhekk. Imma issa qalli li jrid iħawwilhom f'xi ġnien ieħor... ta' dar oħra.
**Karolina:** Tħawwel xejn f'ġonna ta' djar oħra... Il-ġnien ta' din id-dar biżżejjed għalina... m'għandniex bżonn ta' ġonna oħra. Fejn mort iżjed?
**Ġamri:** Għaddejt fil-villa tal-Baruni biex nara jekk is-siġar tal-ġnien għandhomx bżonn ta' żabra. Irrid ngħid lis-sinjur li kellhom bżonn ta' żabra... imma milli jidher reġa' bdielu li jiżborhom... Lis-sinjur ħallejtu hawn isfel jitkellem ma' sinjur.

*(Jissokta)*